# Ritratt Storiku fis-Sala Ewlenija tal-Għaqda Mużikali Mount Carmel

Joseph Ian Attard



*Għeżież SOĊI u ħuti GŻIRJANI;*

Min hu midħla tal-Każin u daħal ġos-sala ewlenija tas-Sede tagħna, zġur li jammira numru mhux ħażin ta' ritratti li jimlew il-ħitan. Forsi ħafna minnkom jarawni niflihom bir-reqqa. Ngħidilkom il-verita` ngħoxa narahom, għax inħobb dak kollu li jagħmilna Maltin kif ukoll il-Patrimonju Gżirjan. F' dawn ir-ritratti tal-passat hemm memorja ta' bosta bandisti u Soċi tas-Soċjeta` li ħafna minnhom raqdu għall-ħajja ta' dejjem, filwaqt li wħud minnhom għadhom fostna mimlijin bl-għomor. Il-bandisti li naraw fihom illum saru missierijiet u kibru, filwaqt li fir-ritratti tal-Membri tal-Kumitat, ħafna minnhom m'għadomx magħna. Pero` r-ritratti jibqaw tifkira dejjiema tal-ħidma kemm tal-Ex-Bandisti kif ukoll Ex-Membri tal-Kumitat matul iż-żmenijiet.

Din is-sena sejrin nitħaddtu fuq ritratt li jmur lura għall-bidu tal-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Dan l-inkwadru jinsab viċin il-palk tas-Sala. F'dan ir-ritratt storiku jidhru l-ewwel alljevi Bandisti tal-Banda Mount Carmel. Biex nifhmu sewwa dan ir-ritratt, jeħtieġ li nmorru lura fiż-żmien. Dak iż-żmien kien hawn għaks kbir li ġabet magħha l-Gwerra. Il-Gżira kienet viċin target importanti tal-Qawwa Navali Ngliża u għall-hekk kien periklu kbir li tgħix il-Gżira li tinsab biswit il-Gżejra Manoel [Manoel Island]. Il-Gżira kienet kważi battala, ħlief xi residenti Gżirjani li litteralment ma beżgħux mill-bombi tal-għadu u għożżew Belt twelidhom. Il-Banda Mount Carmel twaqqfet b'rieda soda tas-Sur MEME' SCICLUNA u l-ħabrieki Kappillan DUN CARLO MANCHE'. Ma ninsewx lis-Sur GILARDU CRISTIANO li kien il-kowċ mużikali li rawwem l-ewwel Bandisti tal-post. Dawn it-tliet personaġġi għamlu ħilithom kollha biex il-Banda timxi 'l quddiem. Cristiano kien bandist tas-Soċjeta` Filarmonika Nazzjonali LA VALETTE tal-Belt. Qabel ma trawmu l-ewwel bandisti tal-post, Gilardu kien jġib bandisti barranin biex jgħaqqad Banda. Wieħed minn dawn il-Bandisti barranin kien il-mikbi Surmast CARMEL G. BORG. Biex il-Banda ħadet il-pussess tas-Sede preżenti, ħadet 'il fuq minn tliet snin. Kienu taħdidiet diffiċli fejn daħal il-War Damage Department, il-Gvern u l Kumitat ħabrieki tal-Banda. Hawn ta' min nfakkar



li kien l-intervent personali tat-Tabib L-Onor TURU COLOMBO M.D. M.P. li tħabat sabiex il-kwistjoni tissolva biex illum ingawdu s-Sede li jinsab f'post ċentrali fil-Gżira. Il-President attwali tas-Soċjeta` inkarigani biex nintervista lis-Sur JOSEPH MERCIECA li kien wieħed minn dawn il-bandisti alljevi f' dan ir-ritratt storiku li sejrin nitħaddtu fuqu. Il-Bandist li sejrin nitħaddu fuqu huwa dak li jinsab bilqiegħda bil-klarinett fin-nofs.

Il-ħabib tagħna Joe Mercieca laqgħani ġo daru fi Triq Stuart biex ninterwistah. Joe qalli li kien GERALDU CRISTIANO li kien jgħallem it-tejorija mużikali fi Triq Coleridge. Iddeskriva lil Gilardu bħala bniedem ħabrieki u kien l-ewwel Delegat Banda per eccellenza. Meta f'Marzu tal-1953 inħatar CARMELO G. BORG bħala Surmast tal-Banda, dawn il-Bandisti komplew fit-taħriġ Mużikali għand dan is-Surmast żagħżugħ li ġie joqgħod il-Gżira wara li kien iżżewweġ xebba Gżirjana fl-1950. Il-Miġja tas-Surmast Borg, kompla l-ħabib tagħna JOE, ġabet interess qawwi biex fl-aħħar il-Banda ġdida jkollha l-ewwel Bandisti tagħha. Kulħadd jaf b'liema dedikazzjoni kien jgħallem is-Surmast Borg lil kull min wera nteress li jitgħallem jdoqq strument mużikali. Meta saqsejt lil ħabibna JOE, jekk missieru kienx jinkoraġġieh biex jkompli jitgħallem il-Mużika, qalli bla tlaqlieq li sab inkoraġġiment kbir mingħand missieru GEJTU MERCIECA li kien Botteginarju tal-Każin. Missieru Gejtu kien mill-Hamrun u kien feraħ li fl-aħħar fil-Gżira kienet twaqqfet Banda tal-post. Missieru nkorraġieh biex jibda jitgħallem il-mużika. Kien missieru li xtralu Klarinett tad-Ditta BOOSEY & HAWKES għall-prezz ta' ħamsa u għoxrin Lira Sterlina. Saqsejt lil JOE minn kien President tal-Banda dawk iż-żmenijiet. Qalli li fi żmienu kien hemm is-Sur IRO VELLA President. Kien Marixxal il-Qorti u kien bniedem tad-dixxiplina. Saqsejt lil JOE jekk jiftakarx minn kienu miegħu fir-ritratt. Qalli jiftakarhom kwazi kollha. Hawn naraw l-aħwa PANTALLERESCO [Pawlu, Karmenu u Duminku] it-tfal ta' Patist tal-forn. Kulħadd jaf l-Familja Pantalleresco li hija sinonima mal-Festa tagħna. Magħhom nsibu wkoll lill PAWLU MUSCAT li wkoll ġej minn familja li taw kontribut kbir għall- Festa Gżirjana. Nammiraw lill



dawn iż-żgħażagħ gżirjani li minkejja l-faqar u reċessjoni ta' wara l-Gwerra, kellhom kuraġġ li jibdew huma jitgħallmu strument mużikali ħalli jferrħuna fil-festa tagħna. L-ħabib tagħna JOE kompla jirrakuntali li kontra qalbu kellu jemigra lejn l-Awstralja fl-1955. Kellu jinfired mill-familja tiegħu għax kien hawn nuqqas kbir ta' xogħol. Pero` minkejja 'l bogħod, xorta żar lill-ġenituri tiegħu wara ħames snin. Ġie fl-Lulju apposta biex jerġa' jgawdi l-Festa li tant kien jgħożż. Kompla jgħidli li wara li ħadem u ġie biex jirtira, għażel li jiġi lura Malta u jerġa' joqgħod il-Gżira. Din hija xhieda kemm għadu jħobb belt twelidu.

Nammiraw id-determinazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ. Huma xempju ta' patrijottiżmu u mhux parrokkjaliżmu. Huma kienu l-ewwel tim mużikali sod, li fetaħ it-triq għall-aktar alljevi matul is-snin. Nħarsu lejn dan ir-ritratt b'nostalġija ġenwina li timliena bil-kuraġġ għall-ġejjieni. Huwa xieraq li f'dan il-kuntest infakkru żewġ Surmastrijiet li taw kontribut immens lil Banda Mount Carmel. B'sobgħa kbira fi żmien qasir tlifna lis-Surmast CARMELO G. BORG u s-Surmast Gzirjan SAVIOUR PORTELLI. Dawn iż-żewġ personaġġi wkoll huma sinonimi mal-Każin tal-Banda. Jkun xieraq li fis-snin li ġejjin nintervistaw lill-aħwa Pantalleresco u lil Pawlu Muscat. Dejjem nitgħallmu mill-passat minn fomm l-anzjani tagħna. Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

# Membri li mietu matul din is-sena



Mro. Carmelo Zammit
Ex Surmast 1950 - 1953



Joseph Ferriggi
Ex-Segretarju 1982-1983



Mro. Saviour Portelli
Ex Surmast 1994 - 2001



Edwin Scalpello



Giovanna Borg

Joseph Grech Mallia